KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 63

It-tlieta u sittin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar l-Erbgħa 14 ta' Gunju 2023 fis-6pm ġo sala ġewwa Piazzetta, Triq Ghar il-Lembi Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Vici Sindku |
| | | |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsilliera |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Anthony Galea | Kunsillier |
| | | |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | David Muscat | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | | |
| **ASSENTI** | | |
| | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċċjali Prinċipali |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-6pm:*

*63.1 Qari tal-ittri ta' apologij ;*
*63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 61 u 62;*
*63.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*63.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri ;*
*63.5 Rapporti ;*
*63.6 Items Oħra ;*
*63.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u jew/sotto Kumitati ;*
*63.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*63.9 Mozzjonijiet ;*
*63.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;*

## 63.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

63.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ittra ta' apoloġija f'isem il-kunsillieri P. Radmilli, D.Muscat u P.Portelli. Kien hemm qbil unanimu li jiġu skużati.

## 63.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 61 U 62

*Approvazzjoni ta' Minuti nr. 61*

63.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Minuti tal-laqgħa nru 61 intbagħtu qabel il-laqgħa u għandom jiġu meħuda bħala moqrija. Ma kien hemm l-ebda kummenti fuq il-Minuti. Il-kunsillier D.Soler ippropona li l-Minuti jiġu approvati u ssekondaħ il-kunsillier E.Borg. Kien hemm qbil unanimu.

*Approvazzjoni ta' Minuti nr. 62*

63.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Minuti tal-laqgħa nru 62 intbagħtu qabel il-laqgħa u għandom jiġu meħuda bħala moqrija. Ma kien hemm l-ebda kummenti fuq il-Minuti. Il-kunsillier E.Borg ippropona li l-Minuti jiġu approvati u ssekondaħ il-kunsillier D.Soler. Kien hemm qbil unanimu.

## 63.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

*Triq il-Kbira*

63.3.1 Is-Sindku informa li se ssir konkos ġewwa triq il-Kbira sabiex it-triq tkun miftuħa fis-sajf. Qal illi fil-preżent hemm problema minħabba l-ġibjun u qal illi l-IM ilhom jafu biha.

63.3.2 Dwar triq il-Kbira s-Sindku ssuġġerixxa li fil-Pjazza, minflok ma jsir

tlett postijiet ta' parkeġġ isir pocket garden. Il-kunsillier J.Dougall qal illi ma jaħsibx illi residenti se jaċċettawha proposta bħal din. Is-Sindku fakkar illi l-iskop tal-Gvern hi sabiex titneħħa parkeġġ fil-qalbha tal-lokalitajiet.

63.3.3 Is-Sindku informa li l-fanali għal Għar id-Dud huma ordnati u għandom jaslu f'Lulju. Żied illi r-railings qed jinħadmu wkoll u dawk tat-taraġ qed isir blasting tagħhom. *Fanali Ghar id-Dud*

63.3.4 Is-Sindku qal illi hemm applikazzjoni għal 2 lukandi max-Xatt u hemm talba mill-iżvillupatur biex jiltaqa' mall-Kunsill. Se tintbagħat informazzjoni dwar il-laqgħa.

**Il-kunsillier K.Wain wasal fit-18:42**

63.3.5 Is-Sindku nforma li l-Kunsill tilef l-opportunita biex nieħdu fondi għall-kultura u għat-tiżjin tal-Milied. Talab lis-S.E illi membru tal-istaff tibgħat reminders kull ġimgħa meta jkun hemm dawn l-applikazzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-emajls waslu għand il-kunsilliera kollha u meta jkun hemm dawn l-applikazzjonijiet jintbagħtu wkoll reminders. Żied illi anka meta joħorġu idejat, huwa ferm importanti li jinqraw il-kundizzjonijiet kollha għalhiex ikun hemm suġġerimenti li ma jkunux fost il-kundizzjonijiet li jkunu parti mill-fondi. *Fondi*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm l-applikazzjoni dwar il-Clean Up u risposti ma waslux lura għand il-Kunsill. Qal illi sabiex tintbagħat applikazzjoni sad-deadline li se tkun l-għada tal-laqgħa se ssir talba sabiex nduru l-lokalita kollha minflok post partikolari. Kien hemm qbil unanimu.

**Għall-ħabta ta' 19:00 il-laqgħa ġiet sospiża mall-wasla tal-Perit David Zahra. Il-Perit ta informazzjoni dwar il-proġett quddiem is-Salesjani fejn qal illi fl-aħħar wasalna. Qal illi domna bil-clearances ta' TM iżda issa għandna DNO. Ix-xogħol preparatorju u t-tender se jagħlaq dalwaqt u qegħdin nistennew l-aħħar informazzjoni għal-landscaping. Qal bħala proġett jemmen illi tista titlesta f'tlett xhur iżda ċert se ndumu iżjed għalhiex il-materjal x'aktarx tkun ġew miċ-Ċina u ddum ħafna iżjed.**
**Għall-ħabta ta' 19:15 ma tmiem l-informazzjoni li kellu dwar il-proġett, il-perit irringrazzja lill-Kunsill u ħareġ mil-laqgħa tal-Kunsill.**

63.3.6 Is-Sindku staqsa jekk għandna nitolbu permess tal-pulizija sabiex isir culling tal-ħamiem. Fakkar illi r-residenti kienu kontra l-culling fil-passat meta sar survey iżda fl-istess ħin qegħdin nirċievu ammont kbir ta' ilmenti. Kien hemm qbil illi tintbagħat talba lill-pulizija għal permess. *Hamiem*

63.3.7 Is-Sindku qal illi hemm 2 biċċiet equipment ġdid ġewwa Qui Si Sana. Żied illi se jinbidel ukoll ir-rubber li sar sentejn ilu.

63.3.8 Is-Sindku informa li se titbattal il-funtata t-tonda ħalli ssir liquid membrane. *Funtana Ind Gardens*

63.3.9 Dwar il-funtana bil-globu 'Kudos' is-Sindku qal intfiet minħabba qasma li hemm fil-materjal. Qal tkellimna mall-Public Works biex isir pipe ġo fiha sabiex l-ilma toħroġ minn fuq.
Il-kunsillier K.Wain qal ma qabilx għax hemm oħrajn bħala u għandom jaħdmu bl-istess mod. Il-Viċi Sindku qal dawk simili ma jaħdmux anqas. Qal illi jaqbel mas-suġġeriment iżda ma jarax għalfejn għandna ndaħħlu lil Public Works.

63.3.10 Is-Sindku ħass illi għandna ninformaw in-nies għalfejn il-funtana ta' Johnny Navarro mhix taħdem. Il-kunsillier A.Galea qal in-nies ma jimpurtawhomx ir-raġunijiet għalfejn u b'hekk jekk is-sitwazzjoni mhix se titranġa għandna naraw jekk inħallsu l-kont. Is-Sindku ippropona li l-kont titħallas. Kien hemm qbil. *Funtana J Navarro*

63.3.11 Is-Sindku staqsa min hu lest jieħu ħsieb il-kuntatt mall-ħwienet għall-Milied umbad naraw minn fejn se nġibu fondi. Il-Viċi Sindku informa li ta' Bisazza m'għandomx interressati. Dawn il-kunsilliera aċċettaw illi jinformaw kumitat biex jieħdu ħsieb l-affarijiet neċessarji għall-Milied: Is-Sindku, Viċi Sindku, W.Vella Baldacchino, E.Borg, A.Galea u J.Dougall. *Milied*

**Il-kunsilliera I.Fenech waslet fis-19:40**

63.3.12 Is-Sindku qal illi hemm kameras li jaħdmu bis-solar li jinkrew għall-€83 fix-xahar, u €21 oħra għall-kard. Kien hemm qbil illi nużaw ftit minnhom u sorveljanza ssir minn naħa ta' LESA. *Kameras*

63.3.13 Dwar il-problema taż-żibel, is-Sindku qal illi l-problema, speċjalment bi holiday apartements, tkompli tikber. Kien hemm qbil *L-iskart*

illi kameras taħt punt 63.3.12 jintużaw għal dan l-iskop.

63.3.14 Is-Sindku qal illi se jingħata tarmak quddiem il-Fortina biss, waqt illi tneħħa parking man-naħa tal-baħar li ma kellhiex titneħħa. Se tintbagħat rapport lil TM u PA.

63.3.15 Is-Sindku qal illi l-launch tal-Council Cab se ssir fil-bidu ta' Lulju. *Council Cab*

*eScooters*

63.3.16 Is-Sindku informa li parkings għall-escooters għandom isiru dalwaqt iżda hu informat illi l-ispejjez taż-żebgħa se tkun f'idejn il-Kunsill. Il-kunsilliera ma qablux illi l-Kunsill għandu jħallas.

**63.4 MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA**

63.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma rċieva l-ebda mistoqsija qabel il-laqgħa.

**63.5 RAPPORTI**

63.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni għat-tender tal-accountant, fejn il-bord għażel l-irħas kumpanija eliġibbli. Kien hemm qbil. Tender accountant

63.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni għat-tender tal-Contracts Manager, fejn il-bord għażel l-irħas kumpanija eliġibbli. Kien hemm qbil. Tender Contracts Manager

**63.6 ITEMS OĦRA**

63.6.1 Il-Viċi Sindku staqsa dwar it-tappiera quddiem Dolce Peccatti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kienet diġà tranġat minn naħa ta' FTZD u l-għada reġgħet bil-ħsara.

63.6.2 Il-Viċi Sindku semma li Paroċċa qed tilmenta dwar il-fustun u l-izvantaġġ illi għandom la qed isir fil-post fejn jagħmluha huma. Huma informati li kienu jafu bil-pakkett qabel u qablu u jekk ma jixtiequx ikomplu x-xogħol tingħata lil ħaddieħor. Fustoon

63.6.3 Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-Power Wash li għandna nixtru. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi applikajna fil-ħin imma flus għadom ma waslux. Is-Sindku qal illi kellem mas-Segretarju Eżekuttiv dwarha Power Wash

ftit ta' ġranet ilu u hemm bżonn naraw l-ispecs għat-tender.

63.6.4 Il-Viċi Sindku xtaq jiskuża ruħu mall-Kunsill, kif ukoll mall-pubbliku, illi kien nieqes għall-aħħar ftit xhur minħabba impenji oħra personali. Irringrazzja lil kulħadd tal-assistenza li sab mingħandhom.

63.6.5 Il-kunsillier J.Dougall staqsa dwar ir-Residents Parking. Is-Sindku qal illi TM qed jimxu għal timed parking fuq livell nazzjonali. RPZ

63.6.6 Il-kunsillier J.Dougall staqsa dwar il-lattrini tal-Ferries. Is-Segretarju Eżekuttiv qal qed jistenna DWG drawings mingħand il-Perit. Latrina Ix Xatt

63.6.7 Il-kunsillier J.Dougall staqsa dwar l-imwejjed u siġġijiet barra The Podium ġewwa triq Bisazza. Is-Sindku informa li irbaħna l-appell u b'hekk għanda tittieħed azzjoni.

63.6.8 Il-kunsillier J.Dougall staqsa jekk Sunday in Scotland qed jerġa jagħmel l-istruttura li kella titneħħa s-sena l-oħra. Is-Sindku qal illi mhux il-każ.

**Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat. Kien hemm qbil unanimu sabiex il-laqgħa titkompla.**

63.6.9 Il-kunsillier E.Borg qal qed ikun hemm muturi tal-ikel illi qegħdin jieħdu postijiet ta' parkeġġ. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li legalment għandom dritt.

63.6.10 Il-kunsillier E.Borg qal illi hemm bżonn tinbiddel it-tabella tal-ħinijiet tal-ftugħ ta' St. Benilds. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ilha ordnata. Tabella fejn l iskola

63.6.11 Il-kunsillier V.Galea Pace staqsiet dwar il-possibilta li ssir bankina fis-soft area quddiem il-Busy Bee. Is-Sindku qal illi hemm ħamrija u b'hekk diffiċli ssir bankina li se toqgħod stabbli.

63.6.12 Il-kunsillier V.Galea Pace staqsiet dwar l-Outdoor Gym ta' Qui Si Sana. Il-kunsillier W.Vella Baldacchino qal illi ġibna d-devoluzzjoni.

63.6.13 Il-kunsillier D.Soler qal illi hemm bżonn jiġu rranġati ftit mis-siġar illi hemm fejn il-Kunsill.

63.6.14 Il-kunsillier K.Wain qal hemm bżonn tingħata prosit li qed isir ix-xogħol ġewwa triq il-Kbira u xogħol tidher qed timxi sew. Izda qal għad hemm ħafna toroq illi għandom bżonn manutenzjoni.

63.6.15 Il-kunsillier K.Wain qal illi l-iscooters għandom liġijiet għalihom. Is-Sindku qal illi għandom jobdu l-highway code.

**63.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

63.7.1 Ma kienx hemm aktar rapporti.

**63.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

63.8.1 L-iskeda ta' pagamenti intbagħatet mad-dokumenti tal-laqgħa. Dawn ġew meħuda bħala moqrija. Ma kien hemm l-ebda kummenti dwar l-iskeda.

63.8.2 Il-Kunsillier E.Borg propona li l-pagamenti jiġu approvati Minbarra dawk tal-ARMS. Il-Kunsillier D.Soler issekondah. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. Approvazzjoni tal-pagamenti

**63.9 MOZZJONIJIET**

63.9.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

**63.10 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

63.10.1 Is-seduta ntemmet fl-22:00. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar is-17 ta' Lulju, 2023 fis-6pm

Minuti approvati llum 17 ta' Lulju 2023

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **John Pillow** | **Anthony Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |